Avviż dwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri antisussidji

(2020/C 18/04)

1. Kif previst fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), il-Kummissjoni tavża li, sakemm ma jitnediex rieżami f'konformità mal-proċedura li ġejja, il-miżuri kompensatorji msemmija hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

2. **Proċedura**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal għal tkomplija jew rikorrenza tas-sussidju u tad-dannu. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż tal-esportazzjoni u l-produtturi tal-Unjoni mbagħad jingħataw l-opportunità li jelaboraw, jirrifjutaw jew jikkummentaw dwar il-kwistjonijiet imsemmija fit-talba għal rieżami.

3. **Limitu taż-żmien**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak imsemmi hawn fuq, li għandha tasal għand: European Commission, Directorate-General for Trade (Unit H-1), CHAR 4/39, 1049 Brussels, Belgium ([2]) fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Din in-notifika hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2016/1037.

Prodott	Pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data tal-iskadenza ([1])
Bijodiżil	L-Istati Uniti tal-Amerka	Dazju antisussidji	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1519 tal-14 ta' Settembru 2015 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 (ĠU L 239, 15.9.2015, p. 99)	16.9.2020

([1]) Il-miżura tiskadi f'nofsillejl tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

([2]) TRADE-Defence-Complaints@ec.europa.eu